Ghejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Haj

Holqa bejn il-Hbieb ta' Missirijiet il-Knisja ppubblikata mis-Socjeta' Patristika Maltija

Nru 20 1 ta' Ottubru 2019

Kelmtejn bejn il-Hbieb

Ghežież ħbieb,

Nittama li tinsabu tajbin. Għadda s-sajf kollu, u nistqarr magħkom li ma sibtx l-opportunità li niktbilkom. Issa, li qed toqrob il-Laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà Patristika, huwa opportun li nerġgħu nitkellmu ftit u nfakkru lil xulxin dwar xi attivitajiet li ġejjin. Hemm aktar tagħrif dwar il-Laqgħa, li se ssir is-Sibt 19 ta' Ottubru, f'din il-paġna.

Minn dan ix-xahar, reġa' għandna skeda ta' programmi fuq Radju Marija. Din id-darba, it-temi li qed nittrattaw huma varjati ħafna. L-għażla tas-suġġett hi f'idejn il-preżentatur. Dwar il-ġurnata u l-ħin tax-xandiriet, hemm aktar tagħrif f'parti oħra ta' din in-*Newsletter*. Għall-grazzja ta' Alla, ninsab infurmat li l-kors dwar l-*Istqarrijiet* ta' Santu Wistin, organizzat mill-Istitut Agostinjan, qajjem ħafna interess. Hemm numru sabiħ ta' parteċipanti.

Inselli għalikom u nixtiqilkom kull ġid fil-Mulej.

Dun Hector Scerri
President

Laqgha Generali Annwali 2019

Il-laqgħa Ġenerali Annwali tas-Soċjetà Patristika Maltija se ssir nhar is-Sibt 19 ta' Ottubru 2019, fid-9.30am, fir-Refettorju l-Antik tal-Kurja tal-Arċisqof, Floriana. Fil-jiem li ġejjin, tirċievu l-aġenda tal-laqgħa u xi materjal ieħor marbut mal-laqgħa.

Wasal iż-żmien li, skont l-Istatut, jinħatar Kumitat ġdid, li jikkonsisti f'President, Segretarju, Teżorier u żewġ membri. Kull kariga hi għal 3 snin. Jekk inti interessat toffri ruħek biex tagħti dan is-servizz, inti mitlub tibgħat nominazzjoni permezz ta' e-mail lis-Segretarju preżenti, Dun Jonathan Farrugia f'dan l-indirizz: jonathan.farrugia@um.edu.mt

Waqt il-laqgħa, jitħabbru n-nominazzjonijiet. Min ikun tefa n-nominazzjoni, ikun mitlub – waqt il-Laqgħa Ġenerali – li jsib persuna li tissekondah. Min joffri ruħu, ikun mitlub ukoll li fil-qosor jesprimi l-motivazzjoni tiegħu fl-e-mail li jibgħat lis-Segretarju. Data u ħin tal-għeluq biex jintbagħtu n-nominazzjonijiet hi l-Erbgħa 16 ta' Ottubru 2019, fit-8.00pm.

Fuq Radju Marija, il-Leħen u l-Istqarrijiet

Il-Programm *Għejjun ta' Ilma Frisk u Dejjem Ħaj* fuq Radju Marija qed jixxandar hekk: **L-Erbgħa, fit-8.00pm, b'ripetizzjoni s-Sibt, fit-3.30am**.

Kull tieni Ħadd tax-xahar, fil-gazzetta *Il-Leħen*, nagħtu tagħrif dwar xi personalità miż-żmien patristiku. Sa issa diġà dehru 36 artiklu. Hu maħsub li 'l quddiem jinġabru fi ktieb, b'siltiet patristiċi miżjudin magħhom.

Kors dwar l-*Istqarrijiet* ta' Santu Wistin. Bejn Ottubru 2019 u Marzu 2020, ġewwa l-Istitut Agostinjan, f'tal-Pietà, ser isir kors ta' 15-il laqgħa dwar l-*Istqarrijiet* ta' Santu Wistin. Se ssir quddiesa fil-ftuħ tal-Kors nhar il-Ġimgħa 11 t'Ottubru fis-6.00pm. L-ewwel taħdita se ssir il-Ġimgħa 18 t'Ottubru. It-taħditiet ikunu kull nar ta' Ġimgħa, fis-6.00pm. Għal aktar tagħrif, ċempel 2124 9407 jew 7929 4177.

Ktieb ad unur Patri Salvinu Caruana OSA

Nota mingħand Dun Jonathan Farrugia

Bħala membru tal-Bord tal-pubblikazzjoni ta' *Festschrift* ad unur tal-Professur Patri Salvinu Caruana OSA f'għeluq is-70 sena tiegħu, jiena Dun Jonathan Farrugia, Kap tad-Dipartiment tal-Patroloġija tal-Fakultà tat-Teoloġija tal-Università ta' Malta, flimkien mal-Professur Mons. Hector Scerri, u s-Sur Andrè Debattista, għalliema fl-istess Università ta' Malta, nixtiequ nħeġġu lill-għadd kbir ta' ħbieb, kollegi u studenti ta' matul is-26 sena li dam jgħallem fl-Università, sabiex jibgħatu isimhom għat-*Tabula Gratulatoria* tal-volum li sejjer jitnieda nhar il-Ġimgħa, 3 ta' Jannar 2020. Is-serata tat-tnidija tal-volum sejra tinżamm ġewwa s-Sala tal-*Istitut Agostinjan*, f'tal-Pietà, fis-6.00pm, u kulħadd huwa mistieden. Wara ser ikun hemm riċeviment.

It-*Tabula Gratulatoria* hija lista ta' ismijiet ta' nies li jixtiequ jifirħu lil P. Salvinu f'għeluq sninu, u l-lista tidher fil-ktieb bħala tifkira. Ma tinvolvix ħlas, u anqas ma huwa mistenni li min jibgħat ismu jrid bilfors jixtri l-ktieb.

Għaldaqstant min jixtieq li ismu jitniżżel f'din il-lista għandu jibgħatli fuq dan l-indirizz elettroniku: jonathan.farrugia@um.edu.mt sa mhux aktar tard mill-10 ta' Novembru 2019.

Nota biografika dwar Ilarju ta' Poitiers (c.315-367) *minn Dun Hector Scerri*

Ilarju twieled madwar is-sena 315. Twieled fi Poitiers, fil-Gallja (Franza tal-lum) minn familja nobbli li kienet pagana. Wara li rċieva edukazzjoni klassika, huwa skopra l-fidi Nisranija u rċieva l-Magħmudija meta kellu madwar tletin sena. L-għażla tiegħu biex ikun isqof ta' belt twelidu saret prattikament b'akklamazzjoni, ħaġa mhux rari f'dawk iż-żminijiet. Peress li huwa ta l-appoġġ tiegħu lil Atanasju (c.296-377), Isqof ta' Lixandra, fit-taqbida dottrinali tiegħu kontra l-Arjani, Ilarju – magħruf bħala "Atanasju tal-Punent" – bata l-eżilju. Fil-fatt, l-Imperatur Ġuljanu l-Apostata (330-363; 'Ċesri' tal-Punent, mit-355; imperatur, 361-363) eżiljah lejn il-Friġja (fiċ-ċentru tal-Anatolja, jiġifieri t-Turkija tal-lum) fis-sena 356. Dawn is-snin li huwa għadda fil-Lvant, wassluh biex jifhem aħjar kif kienet qed tiżviluppa, f'dan il-

pulmun l-ieħor tal-Knisja, it-teoloġija dwar l-istess veritajiet tal-fidi li kienu jħaddnu l-Insara kemm tal-Punent kif ukoll tal-Lvant. Tgħallem l-ilsien Grieg, u bis-saħħa t'hekk seta' jifhem il-kitbiet tal-Missirijiet tal-Lvant, u wassal il-ħsieb għani tagħhom fil-Punent.

Meta mar lura f'pajjiżu, Ilarju reġa' sar l-isqof ta' Poitiers, bis-saħħa tas-Sinodu ta' Pariġi (361). Huwa l-awtur ta' bosta kitbiet esegetiċi – speċjalment il-Kummentarju tiegħu dwar l-Evanġelju skont San Mattew, u dak dwar is-Salmi – u ta' innijiet spiritwali mill-isbaħ. Fost il-kitbiet l-aktar magħrufin tiegħu, ma nistgħux ma nsemmux it-trattat tiegħu dwar it-Trinità, *De Trinitate*. Biex ikollna almenu ftit tagħrif siewi, dwar dan tal-aħħar, tajjeb li nifhmu dan li ġej:

> Kien l-ewwel xogħol ta' din ix-xejra fost il-kitbiet teoloġiċi tal-Punent Nisrani. Ix-xogħol għaqqad ix-xejriet teoloġiċi kemm tal-Lvant kif ukoll dawk tal-Punent, dwar dan il-misteru, kontra l-Arjaniżmu. Ir-raba' ktieb [tad-*De Trinitate*] li jibda b'dan il-kliem: "... *fil-kotba ta' qabel li aħna ktibna ftit taż-żmien ilu*," wassal lil bosta studjużi ta' din il-kitba ewlenija ta' Ilarju biex ifissru li hu kien diġà kiteb l-ewwel tliet kotba għalihom, u li dawn kienu dehru qabel ma ntbagħat fl-eżilju fis-sena 356, iżda ma kienx għadu għaqqadhom flimkien. Fl-istess waqt, iżda, fil-fehma tal-istudjużi li l-kotba kollha kemm huma tat-trattat hu kitibhom waqt li kien eżiljat, jiġifieri bejn is-snin 356-360, qiegħda kulma tmur tikseb ħafna aktar għarfien ...
>
> Ilarju għaraf il-problema ewlenija tal-metodoloġija, jiġifieri l-kunċetti li nibdew bihom aħna l-bnedmin, dawk, ngħidu aħna, dwar l-att tat-tnissil, dak taż-żmien, dak tan-natura, kif ukoll tal-kewn (bl-Ingliż, "being"), huma kollha ħsibijiet li ma jibqgħux jgħoddu meta tithaddet dwar Alla; imqar l-argument tal-"analoġija", xebh bejn, jaf idaħħal ħsibijiet u taħdit dwar id-dinja u l-ħajja fil-kunċett *Alla*. "*Għaldaqstant, kull xebh għandu jitqies aktar bħala għajnuna għal moħħna milli bħala li jixraq lil Alla*" (mill-ktieb *Patroloġija* ta' Patri Alessandt Bonnici u Patri Salvinu Caruana, 2015, pp.362-363).

Il-kontribut ġenerali ta' Ilarju ta' Poitiers għat-teoloġija jista' jinqasam f'żewġ aspetti: (a) *Ilarju huwa l-ewwel awtur u duttur fil-Punent li ħoloq lingwaġġ teoloġiku* billi adatta għall-ilsien Latin ċerti espressjonijiet preċiżi li l-Missirijiet tal-Knisja tal-Lvant (jiġifieri, Griegi) kienu fasslu fit-tielet u r-raba' seklu. Dan għandu jitqies bħala kontribut fundamentali. Fejn ma kienx hemm lingwaġġ, huwa ħoloq kliem bil-Latin – għax il-kuntest fil-Punent kien jitlob dan, u b'ċerta urġenza – li kien jikkorrispondi għall-Grieg. (b) It-tieni kontribut wisq siewi tiegħu kien li *rnexxielu jkompli jġib 'il quddiem it-tifsira li nistgħu nagħmlu aħna l-bnedmin dwar id-domma tat-Trinità*, speċjalment meta jfisser ir-relazzjoni bejn il-Missier u l-Iben, li huma "natura waħda" (konsustanzjali, *homoousious*, bil-Grieg), kif kien stqarr il-Konċilju ta' Niċea (325). Minħabba l-għarfien tajjeb tiegħu tat-teoloġija orjentali Nisranija, Ilarju wasal li jippreżenta konverġenza tajba bejn it-teoloġija Latina pre-niċena u t-teoloġija Griega post-niċena. Huwa jagħtina sintesi mill-aktar għanja bejn it-tnejn, u jagħtiha l-laqta personali u oriġinali tiegħu.